MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2006

Citazzjoni Numru. 642/1995/2

**Bartholomeo Cuschieri u b'digriet tal-Qorti tat-18 ta' Jannar, 1999 l-atti gew trasfuzi f'isem Paul Xuereb bhala prokuratur ta' Francis Cuschieri residenti l-Awstralja, Sonia Maria mart l-istess Paul Xuereb bhala prokuratrici ta' Rosette Cuschieri mart il-fuq imsemmi Paul Xuereb, Joseph Cuschieri, Carmen mart Carmelo Sant u Maria mart Charlie sive Carmelo Cilia minflok Bartholomew Cuschieri li miet fil-mori tal-kawza.**

**-vs-**

**Lawrence Zammit.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fis-17 ta' Mejju, 1995 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi fit-23 ta' Jannar 1993 fil-waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura Skoda numru V7367 f'Labour Avenue, Naxxar, baqa' diehel fil-*bicycle* misjuqa mill-attur.

Illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba traskuragni, negligenza u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku.

Illi f'dan l-incident l-attur Bartholomeo Cuschieri sofra danni personali ta' natura gravi.

Illi l-konvenut gie interpellat biex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni izda baqa' inadempjenti.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh fit-23 ta' Jannar 1993 meta l-konvenut fil-waqt li kien qed isuq il-vettura Skoda numru V7367 f'Labour Avenue, Naxxar, baqa' diehel fil-*bicycle* misjuqa mill-attur u dana minhabba traskuragni, negligenza u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku;

2. tillikwida d-danni minnu kawzati occorrendo permezz ta' periti nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tal-25 ta' Novembru 1994 u tal-15 ta' Lulju 1993 kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenutipprezentata fid-19 ta' Gunju, 1995 li permezz taghha eccepixxa;

1. Illi id-domandi tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes stante li l-esponenti ma jahti xejn ghall-kollizzjoni in kwistjoni billi din giet kawzata biss b'risultat tas-sewqan traskurat negligenti u kontra ir-regolamenti tat-traffiku tal-istess attur meta qabad u bidel id-direzzjoni tieghu bl-addoc.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali nkluz ir-rapport tal-perit legali.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Frar, 2005 u dawk sussegwenti li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza tixbah tip ta' kollizjoni li dwarha kien hemm numru ta' sentenzi pjuttost konfliggenti matul is-snin. Ma hemmx dubbju li l-attur kien qed isuq il-*bicycle* tieghu quddiem il-vettura misjuqa mill-konvenuta. Li ma jaqblux ezatt il-partijiet huwa dwar x'gara ezatt qabel il-habta, ghalkemm fid-dinamika mportant ta' l-incident ukoll ma hemmx dubbju; l-attur isostni li l-konvenut baqa' diehel fih hekk kif kien qed jaqsam it-triq biex jidhol fi sqaq li qieghed fuq in naha l-ohra tat-triq u l-konvenut jghid li l-attur qasamlu f'daqqa appuntu biex jaqsam it-triq.

Illi fir-rigward tar-responsabilita' ta' l-incident fejn is-sewwieq

ta' wara ikun qed jissorpassa ma hemmx unanimita' fis-sentenzi tal-Qrati taghna. F'dan il-kaz pero' l-konvenut ma jidhirx li kellu hsieb jissorpassa u infatti fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur l-accenn qieghed fuq il-velocita' tal-konvenut iktar milli fuq haga ohra.

L-awtur Gibb, li spiss gie citat f'kawzi simili fil-manwal tieghu, Trial of Motor Car Accident Cases f'pagna 85 jghid hekk;

*A motorist has a right to turn his car in the highway, unless prohibited by some regulation.* (sottolinear tal-Qorti). *In so doing however, he must have regard to the safety of others using the highway. He must be charged with negligence, if he turns his car to the right across the path of an approaching vehicle, making it impossible for the driver of the rear car to avoid the collision. The act of turning across the line of oncoming traffic is one which imposes a special duty of care.*
*It is not enough to sound the horn or give some other signal, it is also necessary that such warning be given at the proper time and place. The signal should be given so that it will serve its purpose.*

Sentenza li ghamlet enfasi fuq dan il-punt kienet dik moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-1968, il-Pulizija vs F. Schembri.

Ghal hafna snin ir-responsabilita' ta' incidenti simili kienet tigi addossata fuq is-sewwieq li jibdel id-direzzjoni. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet Jurgen Dobler vs Anthony Caruana (5 t' Ottubru, 1998);

*Il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna tat precedenza f'dawn it-tipi ta' kollizjonijiet lil dak li jkun qed jissorpassa. Il-Qorti rreteniet diversi drabi illi f'kazijiet bhal dan in ezami l-preponderanza ta' probabilita' hija li s-sewwieq li kien qed jikser lejn il-lemin ikun qasam ir-rotta (cut across the path) tas-*

*sewwieq li jkun qed jissorpassah minghajr ma jkun tah adequate warning.*

Din is-sentenza ccitat fit-tul lill-awtur Buchanan (Liability in Motor Cases) fejn dan kiteb;

*In cases of collisions between right turning and overtaking it is first of all necessary to have regard to the duties of the right turning motorist.*

*Early decisions tended to consider that all the turning motorist was required to do was to give a clear indication to the following motorists of his intention. As regulations requiring a motorist to have a clear view through his rear view mirror of following traffic became stricter, it became the duty driver to keep a look out both in front and behind. He no longer complies with his duty unless, giving the turning signal, he takes reasonable steps to satisfy himself that following traffic has both seen and reacted to his signal, which, it is submitted, boils down to taking reasonable steps to ensure that there will be no traffic in the process of overtaking him as he makes his turn.*

F'din il-kawza allura, il-Qorti tal-Appell irrevokat parzjalment is-sentenza tal-Prim'Awla illi kienet tat ragun lis-sewwieq li kien qed jigi sorpassat u qasmet it-tort kwantu ghal terz – zewg terzi favur is-sewwieq li kien qed jissorpassa. Din is-sentenza giet imbaghad segwita minn ohrajn, per ezempju fil-kawza deciza minn din il-Qorti fit-2 ta' Ottubru, 2001 fl-ismijiet Sandra Bartolo vs Joseph Farrugia, fejn wiehed isib rassenja ta' diversi sentenzi fuq il-materja.

F'dan il-kaz pero' kif gia' inghad il-konvenut spicca fuq in-naha l-ohra tat-triq fit-tentattiv illi jiskapula lill-attur. Barra minn dan l-attur ma setax jikser fejn effettivament kiser ghaliex biex ghamel hekk huwa qasam il-linja bajda kontinwa li allura tindika lis-sewwieq li ma jistax jghaddi minn fuq dak is-sinjal.

Huwa evidenti li l-attur li kien ilu snin twal jghaddi mill-post kif xehed hu stess, qabad u qasam it-triq wara li vverifka biss jekk kinux telghin karozzi u ma tax kaz tal-vetturi li kien hemm warajh, bil-konsegwenza li l-konvenut f'daqqa wahda sab lill-attur jaqsamlu quddiemu u ghalhekk fit-tentattiv estrem li jevitah pprova jikser iktar lejn il-lemin. Kien ghalhekk li l-vetturi spiccaw fuq in-naha l-ohra tat-triq.

Konsiderazzjonijiet ta' velocita' ftit ghandhom rilevanza f'kawzi simili, u m'hijiex koincidenza li s-sentenzi citati mill-atturi huma kollha moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali. Dan ghaliex konstatazzjonijiet dwar il-velocita' huma certament importanti f'kawzi kriminali izda mhux dejjem f'kawzi civili fejn wiehed irid jara l-kawza prossima ta' l-incident u f'dan il-kaz ma hemmx dubbju li din kienet in-nuqqas ta' l-attur li jzomm l-hekk imsejjha *proper look out* u l-fatt li l-istess attur kiser ir-regolament tat-traffiku meta qasam fuq il-linja bajda kontinwa medjana.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tichad it-talbiet attrici.**

**Spejjes jithallsu mill-atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------